# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 20 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1563/00 AJD*

Pierre Vella Petroni ezercenti l-kummerc bhala 'Pimpernel'

vs

Il-President Ministru Censu Galea u s-Segretarju Keath Muscat f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappresentanza ta' l-ghaqda Sirens F.C. u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2000, gie kjamat in kawza it-Tezorier Paul Fenech

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn l-attur wara li premetta li:
L-attur kien biegh u kkonsenja merkanzija lill-konvenuti pro et noe skond kif rikjest u accettat mill-istess konvenuti pro et noe;
Ghalkemm huma gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc fl-ammont ta' sebghin liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm70.15), flimkien ma' l-interessi u l-ispejjez relattivi, il-konvenuti pro et noe baqghu inadempjenti.

talab lit-Tribunal:

1. Jiddikjara l-konvenuti pro et noe debituri tieghu fis-somma ta' sebghin liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm70.15) dovuta lilu bhala bilanc ta' prezz akbar ghall-merkanzija mibjugha, ikkonsenjata u accettata mill-konvenuti pro et noe;
2. Jikkundanna l-konvenuti pro et noe ihallsu l-imsemmi ammont ta' sebghin liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm70.15) lill-attur, flimkien ma' l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez tal-prezenti procedura kif ukoll dawk tl-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju, 1998, l-ittri interpellatorji tat-23 ta' Marzu, 1998,

tat-13 ta' April, 1998, u tal-10 ta' Marzu, 2000, kif ukoll tal-proceduri ceduti fl-istess ismijiet premessi kontra l-istess konvenuti pro et noe li huma qeghdin jigu mharrka minn issa sabiex jidhru ghas-subizjoni.

Ra li l-konvenuti pro et noe debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anna Barbara li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lill-attur.   Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti pro et noe ihallsu lill-attur is-somma ta' sebghin lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm70.15).

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju, 1998, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti pro et noe skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR